**PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF ONOR. MARK SIMIANA, LL.D**

*Rikors Maħluf Numru 1068/2013 MS*

**Eugenio Formosa**

**Vs.**

**Mario Vella**
**Antonio Ciancio**

Illum, 9 ta' Frar, 2024

Kawża Numru: 4

Il-Qorti,

1. Rat ir-rikors maħluf preżentat mill-attur fit-8 ta' Novembru 2013, li bih wara li ppremetta kif ġej:

> Illi fid-19 ta' April, 2013, sehh incident mobilistiku ghall-habta tal-1130 hrs waqt li r-rikorrent kien qieghed ghaddej isuq il-mutur propjeta` tieghu, bin-numru ta' registrazzjoni FBG 052, tal-marka Honda, fi Triq in-Naxxar, Birkirkara, fejn gie investit mill-vettura tal-ghamla Leyland tat-tip Constructor bin-numru ta' registrazzjoni BBH 246 misjuqa mill-intimat Mario Vella kif ukoll mill-vettura tal-ghamla Peugeot tat-tip 106 bin-numru ta' registrazzjoni AAM 796

misjuqa mill-intimat Antonio Ciancio, meta l-intimati jew min minnhom waqqghu u konsegwentament ghafgu lir-rikorrent, kif jidher fir-rapport tal-Pulizija hawn anness u mmarkat **Dok A**, u minhabba f'hekk l-intimati korrew lir-rikorrent u ikkagunawlu feriti ta' natura gravi u debilitanti kif jidher fir-rapport ta' l-espert meditu hawn anness u mmarkat **Dok B**;

Illi ghall-incident stradali u konsegwenzjali danni jahtu unikament l-intimati jew min minnhom minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti bi ksur ta' l-Artikolu 1031 u 1032 (1) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi bhala konsegwenza ta' dan l-incident, ir-rikorrent safa korrut serjament, minhabba griehi minnu sofferti u ghamel zmien ma jistax jattendi ghax-xoghol, u baqa' dizabilitat b'mod permanenti skond ma jirrizulta mic-certifikati medici annessi ma' dan ir-rikors.

Illi kawza ta' dan l-incident ir-rikorrent garrab *damnum emergens* li kienu jinkludu spejjes ta' tobba u specjalisti, telf ta' xoghol u telf iehor li jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Illi bhala konsegwenza tal-griehi gravi li garrab konsegwenza ta' l-istess incident, ir-rikorrent sofra wkoll *lucrum cessans* minhabba debilita` permanenti riskontrata u accertata.

Illi konsegwenza ta' dan l-incident ir-rikorrenti inkorra spejjes diversi u dan kif jirrizulta mid-dokumenti hawn annessi u mmarkati **Dok C**;

Illi minkejja li l-intimat kien interpellata sabiex jaghmel tajjeb ghad-danni sofferti mir-rikorrent, huwa baqgha inadempjenti.

għadda biex jitlob lil din il-qorti jogħġobha:

1. Tiddikjara lill-intimati jew min minnhom responsabbli ghall-incident stradali fuq deskritt, u dan ghar-ragunijiet fuq premessi, u ghad-danni kollha li bhala konsegwenza ta' l-istess garrab ir-rikorrent;

2. Tillikwida d-danni kollha sofferti mir-rikorrent b'konsegwenza ta' l-incident stradali u l-korriment konsegwenzjali, u dana okkcorrendo bl-opra ta' periti nominandi;

3. Tikkundanna lill-intimati jew min minnhom sabiex ihallsu lir-rikorrent dak l-ammont li jigi dikjarat bhala dovut lilu in linea ta' danni.

   Bl-ispejjes, komprizi dawk ta' l-ittra interpellatorja tat-28 ta' Ottubru, 2008, dawk tal-ittra ufficjali tat-22 ta' Dicembru, 2008, u dawk ta' l-ittra ufficjali presentata kontestwalment ma' dan l-att ghan-notifika ta' l-assikurazzjoni ta' l-intimata skond il-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta, u bl-imghax legali kontra l-istess intimata li giet ingunta ghas-subizzjoni.

2. Rat ir-risposta maħlufa tal-15 ta' Jannar 2014 mressqa mill-konvenut Mario Vella li biha huwa eċċepixxa

   Illi it-talbiet tar-rikorrent huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom ghalhekk jigu respinti stante li l-incident tat-traffiku *de quo* ma kienx imputabbli ghal xi htija jew nuqqas da parti tal-esponent Mario Vella u dan kif ser jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

   Illi ghalhekk, fejn jirrigwarda l-esponent, m'hemmx danni x'jigu likwidati favur ir-rikorrent. Minghajr pregudizzju ghall-premess u fi kwalunkwe kaz, id-danni pretizi mir-rikorrent huwa kontestat u ghandu jigi pruvat skond il-ligi;

   Illi ghaldaqstant, ma hemmx lok ghall-kundanna tal-esponent ghall-hlas ta' danni favur ir-rikorrent;

   Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi u bl-ispejjes kontra l-istess rikorrent.

3. Rat ir-risposta maħlufa preżentata mill-konvenut Antonio Ciancio wkoll fil-15 ta' Jannar 2014, li permezz tagħha huwa eċċepixxa:

   Illi t-talbiet tar-rikorrenti Formosa huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess rikorrent Formosa, u dana stante illi l-incident awtomobilistiku ma sehhx b'xi tort ta' l-esponenti izda unikament tort ta' Eugenio Formosa illi wettaq manuvra ta' surpass azzardata u perikoluza ferm fi triq traffikuza bhalma hija Triq in-Naxxar, f'Birkirkara , meta ttenta jissorpassa l-bowser misjuq mill-intimat l-iehor Mario Vella billi ghadda fuq in-naha l-hazina tat-triq-u dan b'tort negligenza u nuqqas ta' prudenza u b'nuqqas ta' osservanza

tar-regolamenti tat-traffiku da parti tar-rikkorrent Formosa stress, hekk kif ser jigi ppruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Illi jsegwi ghalhekk illi l-intimat Ciancio ma ghandux jigi kkundannat illi jhallas kwalsiasi somma ta' danni lir-rikorrent;

Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, u fi kwalunkwe kaz, id-danni reklamati mir-rikorrent huma wkoll ikkontestati , u r-rikorrent ghandu jressaq kull prova valida skond il-ligi sabiex jipprova t-telf illi allegatament sofra per konsegwenza ta' dan l-incident;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri skond kif permess mill-Ligi.

4. Rat id-depożizzjonijiet tax-xhieda kif ukoll id-dokumenti prodotti mill-kontendenti, u l-atti proċesswali kollha.

5. Rat in-noti ta' sottomissjonijiet preżentati mill-kontendenti.

6. Semgħet it-trattazzjoni magħmula mid-difensuri.

7. Rat li l-kawża tħalliet għal-lum għall-prolazzjoni tas-sentenza.

Ikkunsidrat:

8. Illi din hija kawża li permezz tagħha l-attur qed jitlob ir-riżarċiment tad-danni li huwa jsostni li ġarrab b'konsegwenza ta' sinistru li seħħ fid-19 t'April 2013 fi Triq in-Naxxar f'Birkirkara. L-attur isostni li dan is-sinistru seħħ minħabba ħtija u mperizja tal-konvenuti, li min-naħa tagħhom jattribwixxu lill-attur ir-raġunijiet għaliex ġara dan l-inċident.

9. Illi huwa biss loġiku li l-ewwel indaġni li għandha ssir minn din il-qorti tkun tirrigwarda d-determinazzjoni tal-ħtija għal dan l-inċident, u dan irrispettivament mill-feriti li ġarrab l-attur u mit-telf li huwa bata b'konsegwenza ta' dawk il-feriti.

10. Illi mill-provi jirriżulta li l-attur kien qed isuq il-mutur tiegħu tal-marka "Honda" bin-numru ta' reġistrazzjoni FBG052 fi Triq in-Naxxar f'Birkirkara fid-direzzjoni lejn Ħal

Lija, filwaqt li l-konvenut Vella kien qed isuq vettura tal-marka "Leyland" bin-numru ta' reġistrazzjoni BBH246 liema vettura tintuża komunement għall-ġarr ta' ilma (bowser) filwaqt li l-konvenut Ciancio kien qed isuq il-vettura tal-għamla "Peugeot" bin-numru ta' reġistrazzjoni AAM796. L-attur xehed li huwa kien għaddej minn ħdejn il-fergħa tal-bank HSBC fi Triq in-Naxxar f'Birkirkara, u kien jinsab wara l-vettura misjuqa mill-konvenut Vella, li kienet qed tqattar l-ilma[1]. L-attur iddeċieda li jissorpassa lil Vella. Jgħid li hekk kif beda l-manuvra ta' sorpass, u kien wasal sa nofs it-tul tal-vettura ta' Vella, Vella qala' l-vettura tiegħu 'l barra sabiex jevita xi vetturi parkeġġjati fuq dik in-naħa tat-triq[2], b'mod li din ma baqgħetx dritta u ġiet angolata, bil-konsegwenza li għalaq it-triq lill-attur. F'dak il-ħin, mid-direzzjoni opposta ġiet il-vettura misjuqa mill-konvenut Ciancio li qalgħet vettura oħra li kienet parkeġġjata fuq dik in-naħa tat-triq[3] u l-attur inqabad bejn iż-żewġ vetturi, bil-konsegwenza li korra. F'depożizzjoni sussegwenti, l-attur sostna li r-rota tat-tmun tal-mutur tiegħu daħlet fit-tieqa tal-vettura misjuqa mill-konvenut Ciancio, u b'hekk tkaxkar[4]. Waqt il-kontro-eżami mbagħad l-attur xehed li ma jafx kienx hemm vetturi parkeġġjati in-naħa tiegħu tat-triq dakinhar tal-inċident[5], u li fit-triq in kwistjoni jgħaddu żewġ vetturi minn kull direzzjoni jekk ma jkunx hemm vetturi parkeġġjati. Waqt l-istess kontro-eżami, l-attur xehed li t-traffiku mid-direzzjoni opposta kien qed jimxi u jieqaf[6], iżda bejn il-bowser u l-vettura li kienet ġejja mid-direzzjoni opposta, kien hemm wisa' ta' karozza[7]. Huwa xehed li beda għaddej, iżda kif il-bowser beda jaqla' 'l barra, huwa waqaf[8]. Imbagħad ir-rota tat-tmun tal-mutur tiegħu inqabdet fit-tieqa tal-vettura tal-konvenut Ciancio u hu tkaxkar mal-bowser sakemm spiċċa fl-aħħar tal-bowser stess[9].

11. Il-konvenut Mario Vella min-naħa tiegħu xehed illi fil-mumenti qabel seħħ is-sinistru, huwa kien wieqaf u kien daħal ftit il-ġewwa ħalli jagħmel wisa' lil karozza tal-linja kbira li kienet ġejja mid-direzzjoni opposta. Kif din għaddiet, huwa beda jsuq u qala' 'l barra sabiex jevita l-vetturi li kienu parkeġġjati fuq in-naħa tiegħu. Waqt li kellu l-attenzjoni tiegħu fuq in-naħa tax-xellug biex jara li ma jolqotx il-vetturi parkeġġjati,

[1] Ara l-affidavit tal-attur, a folio 37.
[2] Ara x-xiehda ta' PS1157 Bertly Aquilina, a folio 48E.
[3] Ara x-xiehda in kontro-eżami tal-attur a folio 239.
[4] Ara x-xiehda tal-attur a folio 107.
[5] A folio 230.
[6] Ara folio 232.
[7] Ara folio 234.
[8] Ara folio 238.
[9] Ara folio 243.

sema' ħoss "fuq wara"[10], ħares u ra lil tal-mutur mal-art. Kif ra dan, huwa waqaf għalkemm laħaq saq ftit aktar 'l quddiem qabel il-vettura tiegħu waqfet għal kollox. Jgħid li l-vettura li ġiet mid-direzzjoni opposta għaddiet bl-eżatt minn miegħu, u wara li għaddiet, sema' l-ħoss tal-ħabta u ra lil tal-mutur mal-art taħt din il-karozza l-oħra. Il-konvenut Vella xehed li din il-karozza l-oħra waqfet, u għalkemm hu niżel u kellmu u qallu biex ma jitlaqx, is-sewwieq tal-vettura l-oħra telaq xorta waħda. Dak il-ħin, il-mutur kien qed jitlef il-petrol u Vella u xi nies oħrajn kienu qed jassistu lill-attur, li kien midrub.

12. Min-naħa tiegħu, il-konvenut Ciancio xehed li huwa kien wieqaf fil-karozza tiegħu maġenb il-bowser tal-konvenut l-ieħor, minħabba t-traffiku li kien hemm dak il-ħin. Xehed li ra lill-attur ġej bil-mutur, avolja ma kienx hemm spazju għax il-vetturi kienu viċin ta' xulxin. Jgħid li hekk kif l-attur beda għaddej maġenb il-bowser, inqabdet ir-rota tat-tmun tal-mutur mas-sellum tal-ħadid li l-bowser kellu fil-ġenb, u bil-moviment tal-bowser, l-attur inġibed u tilef il-kontroll tal-mutur[11]. Il-konvenut Ciancio spjega li huwa telaq minn fuq il-post għaliex beża minħabba l-petrol tal-mutur li kien daħal taħt il-karozza tiegħu[12], u sussegwentement mar minn jeddu l-għassa[13].

13. Wara d-depożizzjoni tal-konvenut Ciancio fl-udjenza tal-4 ta' Ġunju 2015, l-attur beda jallega li l-konvenut ma kienx il-persuna li kien qed isuq il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni AAM796[14]. Sar konfront bejn il-konvenuti fir-residenza tal-konvenut Ciancio fl-1 ta' Diċembru 2015, li fih il-konvenut Vella xehed li ma kienx jiftakar il-persuna li kellem dakinhar tal-inċident u li kienet qed issuq il-vettura in kwistjoni, filwaqt li l-konvenut Ciancio kompla jsostni li kienu hu x-xufier dakinhar tas-sinistru[15].

14. Illi fuq il-post ġew l-uffiċċjali tal-Pulizija.Kif fuq imsemmi, l-konvenut Ciancio ċaqlaq il-vettura tiegħu qabel il-wasla tal-Pulizija[16]; anzi, l-konvenut Ciancio waqaf biss ftit sekondi fuq il-post u mbagħad baqa' sejjer[17]. L-inċident li xpruna din il-kawża jidher li

[10] Ara x-xiehda tal-konvenut Vella a folio 78B.
[11] Ara x-xiehda tal-konvenut Ciancio a folio 90.
[12] Ara x-xiehda tal-konvenut Ciancio a folio 93.
[13] Ibidem, a folio 95.
[14] Ara x-xiehda tal-attur a folio 104 'l quddiem.
[15] Ara l-konfront a folio 115 'l quddiem.
[16] Ara l-affidavit tal-attur, a folio 37, kif ukoll ix-xiehda ta' PS1157 Bertly Aquilina, a folio 48A.
[17] Ara x-xiehda tal-Ispettur Elton Taliana, a folio 69B.

seħħ f'parti mit-triq in kwistjoni fejn ikun hemm vetturi parkeġġjati fuq iż-żewġ naħat, bil-konsegwenza li l-wisa' rimanenti tat-triq tippermetti biss il-passaġġ ta' żewġ vetturi, u ċjoè vettura waħda minn kull direzzjoni opposta[18], b'dan li meta waħda minn dawk il-vetturi tkun vettura kbira bħal dak misjuqa mill-konvenut Vella, żewġ vetturi jgħaddu minn ħdejn xulxin bl-eżatt[19]. L-inċident seħħ ukoll f'ħin tal-ġurnata meta t-traffiku jkun bieżel. Għalkemm ittieħed skizz tal-inċident[20], jirriżulta li l-mutur ġie mċaqlaq, tant li meta waslu l-uffiċċjali tal-Pulizija l-mutur kien qiegħed wieqaf fil-post indikat fuq l-iskizz u fir-ritratti meħuda mill-uffiċċjali tal-forensika[21]. Ma jirriżultax li kien hemm tifrik, dmija jew likwidu oħrajn li setgħu jindikaw fejn seħħ preċiżament l-impatt fit-triq in kwistjoni.

15. Illi l-mutur misjuq mill-attur kellu ħsarat viżibbli fil-mera tan-naħa tax-xellug kif ukoll fil-fanal ta' wara[22]. Il-vettura misjuqa mill-konvenut Ciancio ġiet eżaminata mill-uffiċċjali tal-Pulizija xi jiem wara l-inċident mertu tal-kawża, fejn instab li din il-vettura kellha żewġ girfiet żgħar mal-ġenb fuq in-naħa tax-xufier, lejn ir-rota ta' wara[23]. Il-vettura tal-konvenut Vella ma jirriżultax li ġarrbet ħsarat[24].

16. Xehdu wkoll Grethel Borg[25] u Daniel Carabott[26], li kienu preżenti waqt is-sinistru, iżda ma rawx l-inċident iseħħ, u għalhekk ftit li xejn kellhom xi jżidu mar-riżultanzi fattwali l-oħrajn.

Ikkunsidrat:

17. Illi hekk rikapitolati l-provi ewlenin li jikkonċernaw id-dinamika tal-inċident mertu tal-kawża, din il-qorti tara li jkun opportun li jsiru xi osservazzjonijiet ġuridiċi li huma rilevanti għall-fattispeċi partikolari ta' dan il-każ. Kif diġà aċċennat aktar kmieni, l-ewwel determinazzjoni li trid issir minn din il-qorti tirrigwarda l-ħtija għas-sinistru. Il-ħtija ċivili, kif ġeneralment mifhuma, titnissel b'konsegwenza ta' vjolazzjoni ta' dmir

---

[18] Ara x-xiehda ta' PS1157 Bertly Aquilina, a folio 48C.
[19] Ara x-xiehda ta' PS1157 Bertly Aquilina a folio 48E, u x-xiehda tal-Ispettur Elton Taliana a folio 69E.
[20] Inserit a folio 59.
[21] Ara x-xiehda ta' PS465 Daniel Abela, a folio 69R, kif ukoll ir-ritratti a folio 71.
[22] Ara folio 53 u 54.
[23] Ara x-xiehda ta' PS1157 Bertly Aquilina a folio 48B.
[24] Ara x-xiehda tal-konvenut Vella a folio 78H.
[25] Ara folio 142 'l quddiem.
[26] Ara folio 259 'l quddiem.

legali. «*È detta colpa in senso generale dalla nostra scienza quanlunque violazione di un obbligo giuridico; anche la violazione dolosa. In senso più ristretto, la parola* colpa *esclude il dolo, e significa volontaria omissione di diligenza, per cui non prevediamo le conseguenze illecite di una commissione od omissione, e violiamo senza avvedercene un nostro dovere giuridico*»[27]. Ġie wkoll spjegat li: «*la* colpa, *come difetto* imputabile *della diligenza imposta all'agente, determina la violazione, con effetto giuridico, del diritto altrui, è la ragione precipua per cui l'atto illecito è fatto giuridico: per essa questa violazione ingiusta, è propriamente* ingiuria, *è negligenza punibile*»[28]. Huwa b'riflessjoni ta' din id-duttrina li fil-Kodiċi Ċivili tagħna nsibu l-artikoli 1031 u 1033, li jipprovdu kif ġej:

> 1031. Iżda, kull wieħed iwieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu.
>
> 1033. Kull min, bil-ħsieb jew mingħajr ħsieb li jagħmel deni, għax ikun irid jew b'nuqqas ta' diliġenza, ta' prudenza jew ta' ħsieb, jagħmel jew jonqos li jagħmel xi ħaġa li biha jikser xi dmir impost mil-liġi, hu obbligat għall-ħlas tal-ħsara li tiġri minħabba f'hekk.

18. Il-liġi tagħna, mbagħad, fil-passi tad-duttrina ċivili kontinentali, tfiehem li:

> 1032. (1) Jitqies fi ħtija kull min bl-għemil tiegħu ma jużax il-prudenza, id-diliġenza, u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-famiija.
> (2) Ħadd ma jwieġeb, fin-nuqqas ta' dispożizzjoni espressa tal-liġi, għall-ħsara li tiġri minħabba nuqqas ta' prudenza, ta' diliġenza jew ta' ħsieb fi grad akbar.

19. Il-kejl għalhekk tad-diliġenza li huwa komunement applikabbli għaċ-ċirkostanzi żvarjati tal-ħajja, salv dispożizzjoni tal-liġi jew ftehim mod'ieħor, huwa dak tal-missier tajjeb tal-familja. Kejl dan li ma ġiex imfisser f'ebda dispożizzjoni tal-liġi u li l-interpretazzjoni tiegħu ġie għalhekk imħolli fid-diskrezzjoni prudenti tal-ġudikant skont il-fattispeċi tal-każ partikolari. Fil-monografija tiegħu intitolata *Il Buon Padre di Famiglia nella Teoria della Colpa* (1901), l-awtur ***Carlo Fadda*** jispjega hekk dwar il-grad ta' diliġenza ta' *bonus paterfamilias*: «*Per giudicare, se in un determinato affare*

[27] ***Giorgi***, Teoria delle Obbligazioni, Vol.II, §19.
[28] ***Chironi***, La Colpa nel Diritto Civile Odierno; Colpa Extra-Contrattuale, Vol.I, §9.

*il debitore abbia usata la diligenza voluta, si fa capo all'uomo che per la sua posizione, come capo responsabile di una azienda domestica, per l'educazione ricevuta, per la sua fama di probità dà tutte le garenzie di capacità e di moralità*»[29]. Il-grad ta' diliġenza ta' missier tajjeb tal-familja ġie wkoll imfisser bħala «*il modello che si propongono le leggi poichè, come abbiam detto altra volta, in esso si racchiude il concetto della diligenza continua, attenta ed esatta, senza la cupa e affannosa sollecitudine dell'avaro, ne' d'altra parte è richiesta quella cura superlativa che per timore di qualche sconcio, non lascia aver pace. La legge in sostanza non vuol niente di straordinario e, quasi a dire, di forzato, ma quello che comunemente si usa dalle persone savie. Di qua del modello, si trova la negligenza, piu' o meno in quanto da esso si scosta. Mi permetto cosi di ripetere una mia formola, onde si può far giudizio di un altro proposto, della diligenza cioè che* uno usa nei propri affari, *concetto di relazione se non sempre inferiore, almeno singolare, il che significa bastare quand'anche le abitudini dell'uomo siano tali da non poterlo qualificare un buono, o almeno, un perfetto padre di famiglia*»[30].

20. Illi meta wieħed jiġi biex jittraduċi dawn il-prinċipji t'applikazzjoni ġenerali għall-fattispeċi partikolari tal-każ li għandha quddiemha l-qorti llum, u ċjoè każ ta' inċident stradali, jirriżulta wisq evidenti li, primarjament, kull sewwieq fit-triq huwa mistenni u allura obbligat illi fl-użu tal-vettura tiegħu, iżomm ħarsien sħiħ lejn it-traffiku ta' madwaru, b'mod illi kwalsiasi manuvra li jkun se jwettaq, iwettaqha biss wara li jkun assikura ruħu illi ċ-ċirkostanzi tat-triq u tat-traffiku f'dak il-mument partikolari jkunu jippermettu dik il-manuvra. F'dan is-sens, ġie sewwa mfisser illi, «*Huwa prinċipju magħruf in materja ta' inċidenti stradali illi, kif senjalat mis-soċjetà appellanti, hu obbligu ta' kull sewwieq li jirregola s-sewqan tiegħu skond il-kondizzjonijiet u ċ-ċirkostanzi li jkun jinsab fihom, ad exemplum, il-ħin ta' bil-lejl, ix-xita u l-istat ta' l-art u rapporti oħra kontinġenti (Kollez. Vol. XLVI P I p 112; Vol. LI P I p 210). Ifisser minn dan illi l-kriterju tar-responsabilita` tas-sewwieq tistrieħ fuq in-nozzjoni tad-diliġenza li hu għandu jadopera fil-konduzzjoni u kontroll tal-vettura tiegħu. In-nuqqas ta' din l-istess diliġenza ġġib b' konsegwenza għalih l-kolpa preżuntiva li ssemmi l-liġi*

[29] Paġna 24.
[30] ***Borsari,*** Commentario al Codice Civile, Vol.III, Parte II, §3154.

*fl-Artikolu 1032(1) tal-Kodiċi Ċivili»*[31]. Hekk ukoll, fid-deċiżjoni ***Brian Valenzia noe et vs. Isabelle Ruggier*** (Prim'Awla, 9/1/2004): «*Kif osservat l-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali in re: Pulizija vs Joseph Muscat, "Min ikun qed isuq, għalkemm ma jgħamilx dawk il-kalkoli matematiċi li huma meħtieġa biex fil-Qorti jiġi apprezzat u ġudikat il-każ, għandu però jkun jaf u jirrealizza li fis-sewqan awtomobilistiku d-distanzi u l-kolliżżjonijiet huma kwistjoni ta' sekondi; u għalhekk is-sewwieq għandu jirregola l-għemil tiegħu fis-sewqan konformament"*».

21. Illi huwa paċifiku bejn il-kontendenti kollha li l-inċident in kwistjoni seħħ waqt li l-atturi kien qed jeżegwixxi manuvra ta' sorpass fil-konfront tal-vettura tal-konvenut Vella. Kif osservat mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-deċiżjoni ***David Farrugia vs. George Sammut*** (9/12/2004):

> Manuvra ta' sorpass, waħedha, hija manuvra leġittima u mhix ksur tarregolamenti tas-sewqan, u l-fatt li min ikun qiegħed jaqbeż karozza oħra sejra fl-istess direzzjoni jaqbeż ukoll il-linja tan-nofs tat-triq jew jidħol f'karreġġata oħra mhux element, fih innifsu, li jgħabbi lil min jagħżel dik il-manuvra bil-ħtija ta' inċident. Madankollu, il-manuvra tas-sorpass trid issir b'reqqa u kawtela b'mod li min jagħżel li jipprova jaqbeż karozza jew vettura oħra, irid jieħu qies tal-possibilita' li l-vettura l-maqbuża tista' tibdel ir-rotta. F'każ bħal dan, jaqa' fuq is-sewwieq tal-vettura li qegħda taqla' l-piż li jipprova li s-sewwieq tal-vettura l-maqbuża kien negliġenti fil-mod kif bidel ir-rotta

22. Fid-deċiżjoni ***Sandra Bartolo vs. Joseph Farrugia***[32], il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili qieset:

> Illi min-naħa l-oħra min ikun qed jagħmel manuvra ta' sorpass għandu jagħmel dan b'sigurezza, u dan sal-punt li meta jiġi osservat li l-overtaking ikun perikoluż skond driver prudenti li dejjem jista' jipprevedi li l-vettura li jkun qed jaqla' tista' tbiddel ir-rotta, is-sewwieq għandu dejjem jevita li jagħmel l-istess sorpass. (**"Il-Pulizija vs Manwel Mallia"** - XLIII.1001; **"Il-Pulizija vs John Ripard"** - XXXVI.749; **"Il-Pulizija vs S.A.C.J.Agius"**).

---

[31] ***Fogg Insurance Agencies Limited noe vs. Tal-Maghtab Construction Company Limited*** (Appell Inferjuri, 3/11/2004).
[32] 2/10/2001.

23. Rilevanti wkoll hija d-deċiżjoni ***Raymond Azzopardi vs. Denise Buhagiar*** (Appell Superjuri, 16/12/2004) fejn ġie osservat li: «*Sewwieqa ta' motorcycles għandhom jiftakru li proprju minħabba d-daqs u l-konfigurazzjoni tal-vettura tagħhom, huma anqas viżibbli minn karozza, u meta joħolqu "flow" ta' traffiku parallel għal dak li jkun għaddej minn karreġġjata singola ikunu qed jirriskjaw li jaħsdu kemm vetturi li jkunu sejrin fl-istess direzzjoni kif ukoll vetturi li għal xi raġuni jkollhom jaqsmu dik il-karreġġjata*».

24. Applikati dawn il-prinċipji għall-każ odjern, din il-qorti ma tistax ħlief tasal għall-konklużjoni li l-inċident in kwistjoni seħħ bi ħtija tal-attur stess, u ta' ħadd ħliefu.

25. Il-qorti qed tasal għal din il-konklużjoni billi żżomm quddiem għajnejha l-fatt illi fil-punt partikolari tat-triq fejn seħħ l-inċident, il-wisa' tat-triq kienet tali li tippermetti biss il-passaġġ ta' żewġ vetturi, u ċjoè waħda minn kull direzzjoni. Dan kien hekk minħabba li kien hemm vetturi parkeġġjati fiż-żewġ naħat tat-triq; fatt dan li jirriżulta ampjament mill-provi prodotti. L-attur, meta xehed fil-kontro-eżami, jipprova jagħti l-impressjoni li fil-mument tal-inċident ma kienx jaf li kien hemm vetturi parkeġġjati. Nesa l-attur li fl-affidavit tiegħu xehed li ż-żewġ konvenuti kienu qed jaqilgħu 'l barra biex jevitaw il-vetturi parkeġġjati f'kull naħa tat-triq. U anke kieku tassew l-attur ma kienx jaf bil-preżenza tal-vetturi parkeġġjati, dan isarraf biss f'nuqqas min-naħa tiegħu, u ċjoè nuqqas t'għarfien tal-kondizzjonijiet tat-triq fil-mument li huwa kien se jagħmel il-manuvra tiegħu.

26. Għalhekk irriżulta li fit-triq kien hemm biss spazju biex jgħaddu żewġ vetturi f'direzzjonijiet opposti. L-attur, dejjem fil-kontro-eżami tiegħu, ukoll ipprova jagħti l-impressjoni li l-ispazju li kien fadal bejn il-vetturi rispettivi tal-konvenuti kien biżżejjed biex tgħaddi karozza oħra "inkaxxata". Iżda dan l-ispazju ampju deskritt mill-attur huwa kontradett mhux biss mix-xhieda l-oħrajn kollha li ddeponew f'dawn il-proċeduri, inklużi l-uffiċċjali tal-Pulizija, iżda wkoll mir-ritratti li jinsabu a folio 71 u 72 tal-proċess. Dawn ir-ritratti, għalkemm ma jġibux il-vettura tal-konvenut Ciancio, juru però li l-ispazju disponibbli lill-attur meta ddeċieda li jagħmel is-sorpass kien ferm u ferm inqas minn dak deskritt minnu.

27. L-attur xehed ukoll li t-traffiku li kien ġej mid-direzzjoni opposta kien miexi bil-mod, u jieqaf sikwit. Għalhekk ma jirriżultax li hija verosimili u lanqas possibbli l-verżjoni tal-attur tal-inċident, u ċjoè li l-vettura tal-konvenut Ciancio kaxkritu u għafsitu mal-bowser.

28. Lanqas ma jidher li hu minnu dak li xehed l-attur, u ċjoè li hu kien wieqaf bil-mutur meta seħħ l-impatt bejn il-vettura tal-konvenut Ciancio u l-mutur tiegħu. Din iċ-ċirkostanza, u ċjoè li hu kien wieqaf, l-attur semmiha biss waqt il-kontro-eżami tiegħu. La semmiha fl-affidavit tiegħu, u lanqas fil-verżjoni li ta lill-Pulizija ftit wara l-inċident. Bil-kemm hemm għalfejn jingħad li dawk id-dikjarazzjonijiet li jsiru f'ħin jew żmien viċin l-akkadut ma jistgħux ħlief jingħataw ċertu piż aktar minn dikjarazzjonijiet li jsiru żmien wara – dan għaliex it-trapass ta' żmien apprezzabbli mill-inċident innifsu invarjabbilment ikollu l-effett li jtappan il-memorja ta' dak li jkun, kif ukoll, f'ċertu istanzi, jalimenta n-neċessità li wieħed iżid jew inaqqas skont kif jiddetta l-interess proprju. Hekk ħasbitha wkoll il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-deċiżjoni ***Citadel Insurance plc et vs. Alan Chircop et*** (26/7/2013), ċitata wkoll mill-konvenut Ciancio fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu.

29. Anzi, fil-verżjoni mogħtija mill-attur lill-Pulizija wara l-inċident, hu qal li l-mutur marlu – mkien ma semma li r-rota tat-tmun tal-mutur tiegħu inqabdet fil-vettura tal-konvenut Ciancio, kif xehed f'din il-kawża. Imbagħad f'verżjoni li ta mill-ġdid ftit ġimgħat wara lill-Pulizija, l-attur sostna li r-rota tat-tmun tiegħu inqabdet mal-bowser u spiċċa b'saqajh taħt l-istess bowser – verżjoni li aktar taqbel ma' dik mogħtija mill-konvenut Ciancio meta xehed f'din il-kawża. Tassew illi l-konvenut Ciancio qal li l-mutur tal-attur miss ma' sellum mal-ġenb tal-bowser, u r-ritratti juru li ma hemm ebda sellum fil-post indikat minnu; madanakollu l-qorti tinnota mir-ritratti li jinsabu a folio 71 u 72 li fil-ġenb tal-vettura tal-konvenut Vella hemm xi vireg tal-ħadid, li għalkemm vertikali u mhux orizzontali, jinsabu proprju f'dak il-punt tal-bowser fejn l-attur sostna li kien jinsab hu meta seħħ l-inċident, u ċjoè f'nofs il-bowser. Huwa probabbli u anki verosimili li l-konvenut Ciancio kien qed jirreferi għal dawn il-vireg meta mingħalih li kien hemm sellum. Mhux kull diskrepanza fix-xiehda ta' persuna hija mottiv suffiċjenti biex dik ix-xiehda titqies inaffidabbli, u l-qorti tifhem u tapprezza li meta xehed il-konvenut Ciancio fl-età venera ta' 83 sena, kienu għaddew aktar minn sentejn mill-inċident.

30. Fil-fehma tal-qorti, dak li seħħ hu dan. L-attur iddeċieda li jissorpassa lill-konvenut Vella. Minħabba l-presenza ta' vetturi parkeġġjati fuq kull naħa tat-triq, kif ukoll minħabba l-kobor tal-vettura tal-konvenut Vella, din il-manuvra tas-sorpass neċessarjament ħadet lill-attur fuq il-karreġġjata opposta. Meta mbagħad il-konvenut Vella beda jangola l-vettura tiegħu biex jaqla' l-vettura parkeġġjata fuq in-naħa tiegħu, l-attur sab l-ispazju li kellu qed jonqos u jispiċċa kompletament, u minflok waqaf, tilef il-kontroll tal-vettura tiegħu u spiċċa taħt ir-roti tal-vetturi l-oħra, għalkemm mhux ċar jekk hux taħt ir-roti tal-vetturi taż-żewġ konvenuti jew tal-konvenut Ciancio biss.

31. Illi din il-qorti, fuq il-provi miġjuba quddiemha, ma tistax issib li kien hemm xi nuqqas min-naħa tal-konvenuti li b'xi mod jista' jitqies li jikkostitwixxi l-kawża prossima tal-inċident. Huwa minnu li l-konvenut Ciancio telaq minn fuq il-post tal-inċident meta ma kellux jitlaq. Ir-raġuni miġjuba minnu, u ċjoè li beża' minħabba l-presenza ta' petrol taħt il-vettura tiegħu, ma tiġġustifikax li huwa jitlaq minn fuq il-post. Dik il-biża' setgħet tiġi ndirizzata sempliċiment billi l-konvenut Ciancio jitbiegħed, bil-vettura tiegħu jekk hemm bżonn, ftit aktar 'l bogħod, u mhux li jitlaq kompletament minn fuq il-post tal-inċident. Madanakollu huwa minnu wkoll li l-istess konvenut, għad li l-vettura tiegħu ma kienetx ġiet identifikata mill-Pulizija, minn jeddu mar l-Għassa biex jgħarraf lill-Pulizija b'dak li ġara. Fuq kollox, il-ħtija ċivili tiġi radikata skont dak li wassal għall-inċident, mhux dak li seħħ wara.

32. Illi fir-rigward tal-kwistjoni li qamet fil-mori tal-kawża dwar jekk kienx tassew il-konvenut Ciancio li kien qed isuq il-vettura l-oħra jew le, din il-qorti tqis li ma nġabitilha ebda prova oħra sabiex tasal għall-konklużjoni differenti. Fuq kollox, l-attur stess ħarrek lill-konvenut Ciancio, u meta esprima dubji li l-konvenut Ciancio ma kienx ix-xufier proprju, huwa baqa' ma ċediex il-kawża fil-konfront tiegħu, u baqa' jsostni li l-konvenut Ciancio ikkaġunalu d-danni minħabba s-sewqan traskurat tiegħu.

33. Illi la darba allura l-qorti qed tasal għall-konklużjoni li kien l-attur stess li waħdu jaħti għal dan l-inċident, isegwi li m'hemm ebda ħsarat jew danni x'jiġu likwidati.

34. Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qiegħda taqta' din il-kawża billi, wara li tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut Vella u l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut Ciancio, tiċħad it-talbiet kollha tal-attur, bl-ispejjeż kontra tiegħu.

Onor. Mark Simiana, LL.D
Imħallef

Lydia Ellul
Deputat Reġistratur